Maltese | Malti

VICTORIA State Government | Families, Fairness and Housing

# Emerġenzi fil-Victoria:

## L-immaniġġjar tal-benesseri emozzjonali tiegħek u l-aċċessar għall-Pagamenti tal-Għajnuna f'Emerġenza



### Int ġejt milqut minn xi emerġenza?

Dan il-ktejjeb jista' jgħinek tieħu passi biex timmaniġġja r-reazzjonijiet tiegħek matul u wara l-emerġenza.

Jipprovdi wkoll tagħrif dwar kif taċċessa sapport finanzjarju skont il-Programm tal-Għajnuna għat-Tbatija Personali.

Jekk tinsab f'sitwazzjoni li tista' tpoġġi ħajtek fil-periklu, int għandek dejjem iċċempel **Żero Triplu (000)** għall-pulizija, tat-tifi tan-nar jew l-ambulanza.

# Matul l-emerġenza

Jekk iżżomm ruħek infurmat dan jista' jgħinek tevita l-periklu.

## Żomm ruħek aġġornat

- ☐ Iċċekkja VicEmergency għal twissijiet u avviżi dwar inċidenti ta' nirien, maltempati, għargħar u aktar. Tista' tniżżel il-VicEmergency mill-App Store jew Google Play, jew żur is-sit tal-web emergency.vic.gov.au
- ☐ Tista' ċċempel lill-linja speċjali (hotline) ta' VicEmergency fuq **1800 226 226**

## Għarraf lil persuni oħra li int ma tinsab fl-ebda periklu

- ☐ Ibgħat messaġġ lill-familja u lill-ħbieb biex tgħarrafhom fejn tinsab u li int m'intix fil-periklu

**Jekk int trux, issibha bi tqila biex tisma' jew għandek impediment tat-taħdit, ikkuntattjana permezz tas-Servizz magħruf bħala National Relay:**

- L-utenti tat-TTY għandhom iċemplu **1800 555 677** u mbagħad isaqsu għal **1800 226 226**
- Utenti ta' telefonijiet Speak and Listen għandhom iċemplu **1800 555 727** u mbagħad jistaqsu għal **1800 226 226**
- Utenti tal-Internet relay għandhom jikkonettjaw mal-NRS u mbagħad jistaqsu għal **1800 226 226**

Jekk ma titkellimx bl-Ingliż, ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar fuq **131 450** għal tagħrif tradott mill-VicEmergency Hotline.

## L-immaniġġjar tar-reazzjonijet fiżiċi, mentali u emozzjonali

Int għandek mnejn tħoss firxa ta' reazzjonijiet fiżiċi, mentali u emozzjonali bħala riżultat tal-emerġenza. Dawn ir-reazzjonijiet ivarjaw minn persuna għall-oħra. Bħalissa, hu importanti li tieħu ħsieb is-saħħa mentali tiegħek stess u tal-familja tiegħek, u fejn tista', tieħu ħsieb il-ħbieb u l-ġirien.

- Żomm kuntatt ma' oħrajn - anki jekk ma tridx titkellem dwar dak li ġara - u uża strateġiji ta' kif tkampa li għenuk meta kellek tiffaċċja esperjenzi stressanti fil-passat. Fakkar lilek innifsek x'għamilt tajjeb biex tissapportja lilek innifsek u lil oħrajn biex tkampa mingħajr periklu.
- Saħħa fiżika tajba tissapportja saħħa mentali tajba. Ipprova żomm xi rutina fil-ġurnata tiegħek li tagħtik ħin biex tagħmel eżerċizzju regolari u tistrieħ, kul tajjeb u ara li jkollok opportunitajiet biex tieħu gost.
- Evita l-użu tad-drogi jew l-alkoħol biex tkampa, għax dan jista' jirriżulta f'aktar problemi.
- Jekk int tħoss emozzjonijiet qawwija ftakar li jekk titkellem dwar dak li qed jinkwetak u kif tħossok, meta tkun lest li tagħmel dan, jista' jagħmilhom aktar maniġġabbli.
- Jekk tħoss li ma tistax tkampa u qed issibha bi tqila biex timaniġġja, fittex l-għajnuna tal-ħbieb u tal-familja jew ikkuntattja xi servizzi ta' sapport. Jekk fi kwalunkwe ħin int inkwetat dwar is-saħħa mentali tiegħek jew is-saħħa mentali ta' xi ħadd li tħobb, ċempel lil Lifeline fuq 13 11 14 jew Beyond Blue fuq 1300 224 636.

# Fejn issib sapport

Hemm riżorsi dejjem jiddependi minn x'għandek bżonn.

## Ara x'sapport hemm għalik

- ☐ Ċempel lill-linja speċjali (hotline) ta' VicEmergency
- ☐ Żur is-sit tal-web ta' VicEmergency
- ☐ Ċempel lill-kunsill lokali jew żur is-sit tal-web tiegħu. Jekk m'intix żgur liema hu l-kunsill lokali tiegħek, żur www.vic.gov.au/know-your-council

## Iddeċiedi fejn ser tmur toqgħod

- ☐ Jekk int ġejt mgħarraf li ma tistax tmur lura f'darek, int għandek bżonn issib xi mkien ieħor li hu sigur li tista' tgħix fih. Ikkuntattja lill-familja u lill-ħbieb u itlobhom jgħinuk.
- ☐ Jekk m'għandekx post li jgħodd għalik fejn tista' tmur, ċempel lill-kunsill lokali tiegħek biex tiddiskuti x'għażliet ta' sapport hemm rigward akkomodazzjoni ta' emerġenza li tista' tuża.

## Ikseb tagħrif dwar għajnuna finanzjarja

F'każ ta' emerġenza fil-Victoria, hemm mnejn tista' takkwista sapport finanzjarju.

Fittex u ara x'sapport hemm:

- Fuq is-sit tal-web tal-VicEmergency jew billi ċċempel il-hotline.
- Tmur int stess fiċ-Ċentru tal-Għajnuna tal-Emerġenza (Emergency Relief Centre), meta jkun miftuħ.

### Pagamenti tal-Għajnuna tal-Emerġenza (Emergency Relief Payments)



Int għandek mnejn tikseb Pagament tal-Għajnuna f'Emerġenza mill-Gvern tal-Victoria jekk dan ikun disponibbli.

Kwalunkwe pagament tal-għajnuna f'emerġenza jista' jgħinek tħallas għall-affarijiet li għandek l-aktar bżonn, inkluż:

- ikel
- ħwejjeġ
- mediċini
- akkomodazzjoni.

Il-pagamenti tal-għajnuna f'każ ta' emerġenza huma bbażati fuq ammont fiss għal kull membru tad-dar.

Il-pagament mhux ibbażat fuq kemm taqla' flus.

Int għandek bżonn tapplika għal pagament. Xi persuna mill-Gvern ta' Victoria ser jeżamina l-applikazzjoni tiegħek. Huma ser jinfurmawk jekk tikkwalifikax għall-pagament.

Tista' tapplika int stess, f'Ċentru tal-Għajnuna tal-Emerġenza li jinsab ħdejk, jekk ikun miftuħ.

### Sib sapport finanzjarju fil-VicEmergency

VicEmergency Hotline - 1800 226 226 (agħfas 9 għall-interpretu)

Is-Sit tal-Web ta' VicEmergency - www.emergency.vic.gov.au/relief

# Il-Passi li Jmiss - Taħseb fit-tul

## Kif timmaniġġja r-reazzjonijiet tiegħek mentali, fiżiċi u emozzjonali fuq firxa ta' żmien

Xi affarijiet li tista' tagħmel biex tissapportja l-irkupru jinkludu:

- ☐ Ara li int tinsab f'post fejn taf li m'hemmx periklu.
- ☐ Ifhem li l-irkupru spiss jinvolvi li tgħaddi minn perjodu ta' stress u sfidi addizzjonali tal-ħajja.
- ☐ Naqqas xogħol bla bżonn biex tikkonserva l-enerġija.
- ☐ Ipprova żomm atitudni ottimista u mimlija tama, anki jekk kultant kulħadd għandu bżonn jitkellem dwar il-biża' jew l-inkwiet tiegħu.
- ☐ Żomm kuntatt u konnessjoni regolari ma' oħrajn. Ara li jkollok ħin liberu biex tqatta' ħin flimkien mal-famija jew il-ħbieb f'ambjent pożittiv u sapportiv
- ☐ Ippjana ħin liberu u kompli ħu sehem f'attivitajiet li qabel kont tieħu gost tagħmel - anki jekk verament ma jkollokx aptit. Ara li jkollok ħin għal mistrieħ, rikreazzjoni, divertiment u ta' serħan għax dan jissapportja l-moħħ u lil ġisem biex jirkupra u jerġa' jistabilixxi s-saħħa u l-benesseri.
- ☐ Waqt li hi ħaġa naturali li taħseb dwar x'għad baqagħlek tagħmel, ftakar li għandek iżżomm rekord tal-progres tiegħek tal-irkupru u li tirrikonoxxi s-suċċessi tiegħek.
- ☐ Fakkar lilek innifsek li l-individwi, il-familji u l-komunitajiet spiss jirnexxilhom jirkupraw minn żminijiet diffiċli, u xi kultant jirriżulta li jkunu aktar b'saħħithom.

**Jekk ippruvajt dawn l-istrateġiji u mhux qed tara titjib wara xi ftit ġimgħat, jew jekk qed issibha bi tqila tkampa, kellem lit-tabib tal-familja tiegħek jew kliniku tas-saħħa mentali dwar kif tista' tikseb xi sapport professjonali biex jgħin fl-irkupru tiegħek.**

## Ibqa' żomm il-kuntatt

Il-vjaġġ tal-irkupru mhux l-istess għal kulħadd, u l-persuni għandhom mnejn ikollok bżonn jaċċessaw għajnuniet differenti fi żminijiet differenti. Jekk iżżomm kuntatt mal-komunità lokali tiegħek dan ser jgħinek tifhem x'qed jiġri u x'sapport hemm.

Segwi l-kunsill lokali tiegħek għal informazzjoni dwar l-irkupru lokali

Żur is-Sit tal-Web tal-VicEmergency jew ċempel il-VicEmergency hotline biex tara x'sapport tal-irkupru hemm

Żomm kuntatt mal-komunità lokali tiegħek u n-netwerks ta' sapport.

# Vjolenza fil-familja wara l-emerġenzi

L-emerġenzi jistgħu jikkawżaw ħafna stress addizzjonali lill-qraba li jiġu minnek mill-qrib u familji hekk kif isibuha bi tqila jiffaċċjaw il-problemi li jirriżultaw wara.

Nies li qatt ma kienu vjolenti jew kontrollanti jistgħu jsibu ruħhom iġibu ruħhom b'modi li ma kinux jagħmlu qabel; jew imġieba vjolenti eżistenti tista' tibda tiżdied jew tiggrava.

Ċempel **000 Triplu**, jekk int jew xi ħadd li taf, jinsab f'periklu immedjat.

## Fejn issib l-għajnuna

Tkun xi tkun is-sitwazzjoni, jekk int jew xi ħadd li taf għandu bżonn l-għajnuna, hemm firxa wiesgħa ta' servizzi ta' sapport rigward vjolenza tal-familja.

**Lista sħiħa ta' servizzi li huma disponibbli permezz tal-kodiċi QR li ġejja:**

- ☐ Jekk tippreferi tikseb għajnuna bit-telefon, tista' ċċempel lil Safe Steps, iċ-ċentru ta' rispons għall-vjolenza tal-familja ta' Victoria, miftuħ 24/7 għal sapport kunfidenzjali għall-kriżijiet, informazzjoni u akkomodazzjoni: 1800 015 188
- ☐ Tista' ċċempel ukoll lil 1800 RESPECT jew żur 1800RESPECT.org.au għal sapport 24/7.



Biex tirċievi dan id-dokument f'format ieħor, ibgħat imejl lil DFFH Emergency Communications <emergency.communications@dffh.vic.gov.au>.

Awtorizzat u ppubblikat minn Victorian Government, 1 Treasury Place, Melbourne.
© State of Victoria, Australia, Department of Families, Fairness and Housing, Diċembru 2024.
ISBN 978-1-76171-012-4 (pdf/online/MS word)
Jista' jinkiseb minn DFFH Emergency relief https://www.dffh.vic.gov.au/emergency-relief
(2412242)